MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 24/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Johnny Bigeni**

Kaz Numru: 24/2013

Illum 4 ta’ Gunju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Johnny Bigeni**, ta’ ghoxrin (20) sena, iben Carmel u Rose neé Camilleri, imwieled nhar it-8 ta’ Dicembru 1992, u joqghod f’Olimpico Crt, Ent. G, Flat 9, Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 2693(G), akkuzat talli nhar id-19 ta’ Awwissu 2011 gewwa

diversi toroq fir-Rabat, Ghawdex, ghall-habta tas-sebgha u ghoxrin ta’ filghaxija (7:20p.m.):

1. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioé numru ta’ registrazzjoni falz ta’ vettura bil-mutur (*motorcycle*) jaqra GBB 467;

2. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni falz ta’ vettura bil-mutur (*motorcycle*) ta’ mutur jaqra GBB 467;

3. u aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi ghamel uzu minn numri ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dawk moghtija mill-Awtorita’ Kompetenti fuq vettura bil-mutur (*motorcycle*) u cioe’ ghamel uzu minn numru tar-registrazzjoni jaqra GBB 467;

4. u aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikoluz;

5. u aktar talli sar recediv b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex nhar is-16 ta’ Lulju 2009, 22 ta’ Lulju 2010, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena rikjesta mil-ligi tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan tal-imputat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2013, lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara, b’riferenza ghall-imputazzjoni numru erbgha (4), li s-sewqan tal-imputat kien wiehed biss bi “traskuragni”.

Semghet, fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2013, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, a rigward il-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f’dawn il-proceduri u l-fedina penali tal-imputat li minkejja li mhijiex wahda nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fir-rigward tar-raba’ (4) imputazzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-parti tal-imputazzjoni fejn issir riferenza ghall-sewqan b’nuqqas ta’ kont u b’mod perikoluz, u dana *stante* ghal dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni, wara li rat Artikoli 49, 50, 183 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikoli 15(1)(a) u 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba’ (4) (ta’ sewqan bi traskuragni biss) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u:

- fir-rigward tar-raba’ (4) imputazzjoni (ta’ sewqan bi traskuragni biss), tikkundannah multa ta’ mitt Euro (€

100.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' sitt xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada;

- fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjonijiet, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Johnny Bigeni taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Johnny Bigeni bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Johnny Bigeni.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------